

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2018 minn Linak A/S mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-18 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-367/17 — Linak vs EUIPO — ChangZhou Kaidi Electrical**

**(Kawża C-821/18 P)**

(2019/C 255/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* Linak A/S (rappreżentanti: V. von Bomhard, Rechtsanwältin, u J. Fuhrmann, Rechtsanwalt)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tad-19 ta' Ġunju 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) ddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2018 minn Aldo Supermarkets mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-25 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-359/17, Aldo Supermarkets vs EUIPO — Aldi Einkauf**

**(Kawża C-822/18 P)**

(2019/C 255/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* Aldo Supermarkets (rappreżentant: M. Thewes, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Ġunju 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

---

**Appell ippreżentat fil-15 ta' April 2019 minn Boudewijn Schokker mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-8 ta' Frar 2019 fil-Kawża T-817/17, Schokker vs EASA**

**(Kawża C-310/19 P)**

(2019/C 255/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant:* Boudewijn Schokker (rappreżentanti: T. Martin, S. Orlandi, avocats)

Parti oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)

### Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-digriet tat-8 ta' Frar 2019 fil-Kawża T-817/17, Schokker vs EASA;
- tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali,
- tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Skont l-appellant, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, wettqet żball ta' liġi meta ħadhet ir-rikors għal raġuni li qajmet *ex officio* u li kklassifikat b'mod żbaljat bħala "manifesta". B'hekk il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u d-drittijiet tad-difiża tal-appellant.

L-appellant isostni, fit-tieni lok, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li ma kienx rilevanti li tistħarreġ ir-raġunijiet għall-irtirar tal-offerta ta' impjieg kontenzjuża għaliex offerta ta' impjieg tista' fi kwalunkwe każ tiġi rtirata f'kull ħin u mingħajr ebda kundizzjoni.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fid-19 ta' April 2019 — eurocylinder systems AG vs Hauptzollamt Hamburg

(Kawża C-324/19)

(2019/C 255/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: eurocylinder systems AG

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg

### Domanda preliminari

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldataura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina <sup>(1)</sup> huwa validu?

---

(<sup>1</sup>) ĠU 2009, L 262, p. 19.

---